SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-sitta u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar l-Tnejn 11 ta' Mejju 2009 fil-5:30 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

Preżenti:

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Devoluzzjoni ta' post fi Triq it-Torri/Uffiċju tal-Kunsill**

3.1 Is-Sindku rrefera għal ħtieġa ta ' uffiċini ġodda għal Kunsill. Huwa semma li kkunatja lil Familja ta' Grazzja Grima (tal-Kajman) jekk iridux jikru jew ibiegħu l-post iżda dawn irrifjutaw. Huwa semma li l-post li nbena minn Clement Cauchi viċin il-pjazza jinsab għal bejgħ. Wara li ġie kkuntatjat huwa talab is-somma ta' madwaral €100,000 ġebel u saqaf. Il-Kunsilliera qablu li dan huwa addatat għall-uffiżini tal-Kunsill peress li huwa ground floor u b'hekk huwa aċċessibli. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lid-Dipartiment japprova l-fatt li l-Kunsill irid jissellef mill-bank.

3.2 Sadanittant il-Kunsill qabel ukoll li għandu jibqa għaddej bil-proċess ta' develozzjoni tal-post tal-Gvern fi Triq it-Torri.

**4.0 Żvilupp dwar il-proġett tas-Solar Heaters**

4.1 B'referenza għal-laqgħa man-nies dwar is-solar heaters, is-Sindku semma li l-laqgħa kienet importanti u utli ħafna. Huwa semma li wara l-laqgħa kellna nirrepetu ħafna mill-applikazzjoniet peress li kienu ħafna li bidlu l-mudell. Huwa semma li kull minn applika qed jirċievi l-konferma mingħand l-MRA li ser jieħu

l-grant massima ta' €460. Is-Sindku semma li kien hemm x'uħud li kellhom xi problemi tekniċi mal-WSC u bgħatulhom biex jirregolarizzaw ruħhom qabel jipproċedu bl-applikazzjoni tagħhom. Is-Sindku semma li l-pass li jmiss issa huwa li nibdew nirċievu d-depożitu fuq dawn is-solar heater biex jibda jsir id-deliveries tagħhom u eventwalment tibda l-installazjoni tagħhom.

## 5.0 Konferenza f'Malta: Zooming and Sustainability

5.1 Il-kunsillier John Mercieca ġibed l-attenzjoni li fl-opinjoni tiegħu r-reġistrazzjoni għall-konferenza taz-Zooming on Sustainability ma saritx sew. Huwa semma li qatt ma qal li mhux ser jattendi. Is-Segretarja semmiet u hekk ukoll ikkonfermaw il-kunsilliera li x'ħin talbet minn ser jattendi għax jinħtieġ li jkun hemm ħames rappreżentanti, is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-kunsilliera Luigia Grima u l-kunsillier Joseph Sutana kkonfermaw li ser jattendu filwaqt li l-kunsillier John Mercieca stqarr li ma jafx jekk ikunx jista jattendi. Għalhekk peress li l-applikazzjoni kienet tagħlaq fi ftit jiem is-segretarja rreġistrat dawn l-erba kunsilliera u lilha nnifisha biex tipparteċipa għal din il-konferenza. Is-Segretarja semmiet li meta s-Sur Mercieca ġie jikkuntatjaha biex jgħidilha li jixtieq jattendi hija bgħatet email lil MEUSAC u dawn bgħatu lura li issa l-lista hija lesta u ma nistgħu nżidu lil ħadd aktar. Hawnhekk hija reġgħet talbithom biex tibgħat is-Sur Mercieca jirraprezenta lil Kunsill minflok xi kunsillier ieħor iżda dawn ma aċċettawx it-talba tagħna.

## 6.0 Konferenza f'Colle Umberto fl-okazzjoni tal-25 Anniversarju tal-Gemellagg ma' La Ballme de Sillingy

6.1 Is-Sindku rrefera għall-konfrenza ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea li l-ħbieb ġemellati magħna ta' Colle Umberto ser izommu bejn il-25 u t-30 ta' Mejju fl-okkażżjoni tal-25 Anniversarju tal-ġemellaġġ tagħhom ma La Ballme de Sillingy. Huma stiednu delegazzjoni minn tagħna li għandha tkun komposta bejn 5 u 6 membri biex jirrappreżentaw lil Kunsill f'Colle Umberto ghal din il-konferenza. Huma talbuna nħallsu biss l-vjaġġ ta' l-ajru. Il-Kunsilliera u l-membri tal-kumitat tal-ġemellaġġ kollha ġew offruti din il-possibilita' u l-membri li kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom kienu l-Viċi Sindku Anthony Formosa, l-kunsillier Joe Sultana u l-Kunsilliera Luigia Grima f'isem il-Kunsill filwaqt li Marcelline Formosa f'isem il-Kumitat tal-Ġemellaġġ. Is-Sindku Noel Formosa talab li jiġi skużat minħabba xogħol urġenti f' Malta fl-istess ġranet u talab lil Viċi Sindku biex jirrappreżentah. Sar qbil li Marcelline Formosa għandha tagħmel il-preżentazzjoni ta' San Lawrenz fil-Konferenza filwaqt li l-Vici Sindku għandu jwassal id-diskors tal-okkażżjoni li ser jibgħat is-Sindku.

**7.0 Approvazzjoni tal-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-knisja**

7.1 Is-Sindku għadda l-aħbar sabiħa lill-sħabu l-kunsilliera, dik li l-applikazzjoni tar-restawr tal-faċċata tal-knisja ġiet aċċettata. L-ammont miksub għal dawn ix-xogħlijiet huwa ta' €442,514.50. Huwa spejga kif din l-aħbar iġorr magħha hafna xogħol, sagrifiċċju u responsabilita. Huwa semma li ser ikun hemm Bord responsabli min dawn ix-xogholijiet li kif titlob il-liġi s-Sindku u s-Segretarja li huma legalment responsabbli mill-Kunsill ser jirrapreżentaw lill-Kunsill fih. Il-Kunsill qabel li biex jgħin f'dan ir-rigward għandu apparti l-assitenza tas-Segretarja għandu jħallas l-ispejjes tal-perit u konsulenza.

**8.0 Aktar applikazzjonijiet għall-progetti tal-Unjoni Ewropea**

8.1 Is-Sindku semma li fil-preżent l-amministrazzjoni tal-Kunsill tinsab impenjata bil-kbir fil-preparazzjoni ta' applikazzjoni tal-proġett tal-Unjoni Ewropea taħt il-Rural Funds 313 u 323. L-applikazzjoni ser tkun tinkludi l-proġett tal-pjazza, embellishment tal-isqaqien u studju dwar kif l-area ta Karruzzini tista tiġi trasformata f'park għall-familja. Il-Kunsill approva li għandu jitkompla l-proċess ta' din l-applikazzjoni għax dawn huma nnizjattivi ta' min jinkoraġġihom.

8.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-applikazzjoni tas-Citizens Meetings li ukoll ser tagħlaq fl-aħħar ta' Mejju. Huwa semma li taħt din l-applikazzjoni ser tiddaħal l-attivita li għandha ssir f'Ottubru u l-1 ta' Novembru. Il-Kunsill iddiskuta l-attivita u sar qbil li jekk ikun il-maltemp għandna naħsbu għal tinda kbira.

**9.0 Ħarga għall-Anzjani**

9.1 Is-Sindku semma li wasal iż-żmien li norganizzaw ħarġa oħra għall-anzjani. Huwa semma li jipproponi li jekk jista jkun ssir xi darba l-ġimgħa biex il-grupp jiġi akkumpanjat mill-kunsilliera Luiġia Grima peress li bħalissa fl-uffiċċju mpenjati ħafna u huwa mpossibli li l-iskrivana takkumpanja l-grupp hi. Il-kunsillier John Mercieca u l-viċi Sindku offrew li jekk ikun hemm bżonn jistgħu jmorru magħhom huma wkoll.

**10.0 40 sena Football f'San Lawrenz**

10.1 Is-Sindku rrefera għall 40 anniversarju li ser jiċċelebra t-tim tal-Football f'San Lawrenz. Huwa semma li għal din l-okkażżjoni rnexxielu jikseb sponsor ta' basktijiet għall-pleyers kollha tat-tim.

## 11.0 Kuntratt ġdid tal-knis

11.1.1 Is-Sindku propona li wara studji u diskussjonijiet li saru anke mal-Kumitat tal-FC għandna nitterminaw l-kuntratt tal-knis minn mal-FC b'effett mill-1 ta' Lulju biex niffrankaw il-flus. Il-knis jista jagħmlu l-haddiem Joe Cauchi.

11.2 Pero f'dan ir-rigward is-Sindku ppropona li għandna nkomplu nsosstnu lit-tim tal-F.C. għaliex jemmen li x-xogħol li qed jagħmlu huma fost it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna għandu jiġi rikonoxxut speċjalment minn Kunsill Lokali. Għalhekk is-Sindku ppropona li nistghu nitolbuhom xi servizz u fl-istess ħin ikunu qed ngħinuhom. Sar qbil li għandna nagħtu €1600 fis-sena li tagħhom ikunu reponsabbli wkoll mit-tindif tal-ġimgha tal-festa u l-organizzazjoni ta' Sports Day annwali.

## 12.0 Korsijiet edukattivi

12.1 Sar qbil li għax-xhur tas-sajf għandhom bħas-snin ta' qabel jiġu organizzati korsijiet edukattivi bħalma huma tal-art attack, żfin u reading session.

## 13.0 Materji oħra

13.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li kienet saret dwar l-organizazzjoni ta' attivitajiet sportivi. Is-Sindku semma li għall-applikazzjoni tagħna ġew konfermati li ser jingħatawlna €400 filwaqt li bħala Kunsill irridu noħorġu daqshekk ieħor. Is-Sindku ssuġerixxa li f'dan ir-rigward ma jħossx li għandna nippartеċipaw f'din l-iskema għax ma tidhirx li hi worthed għal Kunsill tagħna. Il-Kunsill qabel ma dan.

13.2 Is-Sindku rrefera għat-tisqija tax-xtieli tar-roundabouts. Huwa semma li l-Kunsill xtara tank u qegħdin imorru jsaqqu huma. Il-Kunsillier John Mercieca ssugerixxa li lix-xtieli għandu jinxtralhom xi tip ta' sustanza.

13.3 Is-Sindku rrefera għal ħtieġa ta' tip ta' bus shelter fil-pjazza. Huwa semma li wara li tkellem mal-pulizija peress li nbidel is-suppretendent, jidhru li ma jafu bl-ebda ftehim u xorta jidher li mhix deċizzjoni prattika. Sar qbil li għalhekk attwalment l-aħjar soluzzjoni hi li ssir tinda quddiem il-Club tac-Centru. Hawnhekk il-kunsillier John Mercieca ssugerixxa li l-ħaddiema jew tal-football għandhom jiftħu -Centru biex f'każ ta' xita t-tfal ikollhom fejn jistkennu. Hawnhekk deher li ma kienx hemm qbil dwar din il-proposta u ġie deċiż li għandna naraw niddubbawx tinda mingħand xi sponsor jew inkella niġbru xi stimi biex sa l--aħħar tas-sajf din titwaħħal.

13.4 Is-Sindku rrefera wkoll għal promozzjoni dwar il-kampanja favur it-Tieqa tad-Dwejra biex tiġi klassifikata bħala wahda mis-7 Natures of Wonder. Huwa

semma li qed issir kampanja anke billi sar reklam fuq il-ktieb tal-fiera, intervisti fuq ir-radios u fuq l-internet anke internazzjonali . Il-kunsillier John Mercieca propona li bħala kunsilliera għandha mmorru personalment fi skejjel f'Malta u Għawdex biex inqajjmu promozzjoni, Is-Sindku informa li l- kuntatti mal-iskejjel diġa qed isiru u fil-fatt beda proġett mal-iskola tal-Konservatorju tal-Isqof fejn l-istudenti qed iqassmu biljett biex iħeġġu lill-pubbliku biex jivvota, dan il-proġett ser ikompli ma skejjel oħra.

13.5 Il-kunsillier Joe Sultana staqsa dwar jekk hux qed isir xi nfurzar dwar is-sajd bin-nases fid-Dwejra. Is-Sindku rrefera għall-ittra li huwa bgħat lill-pulizija u kopja tagħha lill-MEPA. Huwa semma li fil-fatt il-MEPA diga ċemplu fuqha.

13.6 Il-Kunsillier John Mercieca ressaq id-domanda jekk jistax individwu b'diżabilta minn Kerċem jikkwallifika taħt l-iskema tal-Kunsill għall-offerta tas-Solar Heaters. Il-Kunsill qabel li minħabba li kien hemm talbiet oħra simili minn nies oħra li mhumniex minn San Lawrenz, l-aħjar ħaġa li nagħmlu huwa li ngħaddulhom id-dettalji ta' Falmalco Group u jikuntatjawhom huma personalment. Is-Sindku semma' li dan qed isir fir-rigward li kuntrattur Għawdxi għamel rapport mal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kontra tiegħu ghax qal li ser inkissru s-suq Ghawdxi. Is-Sindku nforma li minn naħħa ta' l-AKL sab sapport kbir u din il-persuna ġiet infurmata li dak li qed jagħmel il-Kunsill ta' San Lawrenz huwa ta' min ifaħħru.

13.7 Is-Sindku semma li l-Ministru George Pullicino kkuntatjah u proponielu sabiex f'Awissu tiġi organizzata f'San Lawrenz il-Festa tat-Tadam. Huwa qed jitlob l-opinjoni tal-Kunsill dwar din l-attivita. Il-Kunsill qabel li ma għandniex nirrifjutaw opportunita bħal din. Sar qbil li għandna nitolbuhom laqgħa biex naraw xi preparamenti jeħtieġ li jsiru u nipproċedu fuqhom.

13.8 Ġiet trattata l-ittra mingħand aġenzija tal-iffilmjar dwar il-ħtieġa ta' filming fid-Dwejra. Mill-kontenut ta' l-ittra jidher li l-film ser ikun fuq skala zgħira. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward għandna nohorgu l-istess kundizzjonijiet li bgħatna għall-kumpaniji oħra qabel.

13.9 Ġiet trattata korrispondenza mingħand il-kelliem laburista Stephen Buontempo. Sar qbil li għandna nibgħatu r-rapport tar-riforma li għaddejna lis-Segretarju Parlamentari Chris Said fil-laqgħa li kellna miegħu.

13.10 Ġiet trattata l-ittra mingħand is-Sur Michael Fava ta' Triq il-Ġebla tal-General, fejn ilmenta dwar il-ħtieġa ta' Bus Shelter fil-pjazza. Il-Kunsill qabel li għandha ssir tinda maċ-Ċentru Parrokjali. Il-Kunsill qabel li għandna nistħarrġu l-possibilta li anke niksbu sponsor għaliha. Il-Kunsillier John Mercieca reġa propona l-haddiema tal-Kunsill jiftħu huma ċ-Ċentru biex it-tfal ikollhom fejn

jistkennu. Is-Sindku qal li din ma hix soluzzjoni għaliex dan għandu jkun fuq bażi regolari u ma nistghux nintrigaw lil ħaddiema b'responsibilta taċ-Ċentru Parrokjali. Għalhekk ikun qabel li temporanjament l-aħjar kif ġie deċiż qabel is-soluzzjoni hija li qabel ix-xitwa tigi nstallata din it-tinda.

13.11 Il-kunsillier John Mercieca propona li titnehha Bus Stop minn ħdejn ta' Pawluzzu peress li fin-naħħa l-oħra tat-triq tinsab Bus Stop oħra. Sar qbil li għandna niktbu lil-ADT dwar dan.

13.12 Il-Viċi Sindku rrimarka li ma għandniex nonfqu flus aktar f'tabelli fid-Dwejra għax kollha qed jispiċċaw vittma tal-vandalizmu.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**